MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 32/2013

**John u Anna konjugi Grima**

**Vs**

**Michael Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Premess illi r-rikorrenti huwa l-proprjetarju tal-art maghrufa bhala ‘tal-Mohba’ fil-kontrada tal-Harg u formanti parti minn klawsura fil-Qala, Ghawdex liema art fiha l-kejl ta’ 21 Tomna li jinkludi r-razzett bin-numru 36, Triq il-Wardija, Qala u dana wara li r-rikorrenti kien akkwista d-dirett dominju ta’ l-istess minghand il-Patrijiet Karmelitani permezz ta’ kuntratt fl-arti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 17 ta’ Lulju 1996;

2. U Billi l-intimat Michael Camilleri kien jokkupa r-razzett, mandra u bicca art b'titolu ta' cens temporanju ta' 99 sena li kien moghti mill-istess Patrijiet Karmelitani b'kuntratt datat 3 ta' Lulju 1899 lil Salvatore Camilleri in atti tan-Nutar Carlo Micallef Decar;

3. U Billi ghalhekk ic-cens temporanju u t-titolu ta' Michael Camilleri sabiex jokkupa l-art fuq imsemmi skada fis-27 ta' Lulju 1988;

4. U Billi r-rikorrenti permezz t'ittra ufficjali datat 22 t'April 1998 kien avvza lil intimat Michael Camilleri li f'gheluq ic-cens temporanju l-intimat kien ikollu jizgumbra mill-fond;

5. U Billi wara li skada c-cens temporanju l-intimat Michael Camilleri irrifjuta li jitlaq mill-istess fond izda minflok prezenta citazzjoni fil-21 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet inversi u li jgib in-numru 112/2000, b'liema essenzjalment talab lil Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex ic-cens temporanju jigi konvertit f'cens perpetwu.

6. U Billi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Marzu 2013, kopja ta' liema hija hawn annessa u esebita bhala **Dokument**...... liema sentenza ma gietx appellata u ghaddiet in gudikat, dik il-Qorti cahdet it-talbiet ta' Michael Camilleri sabiex jikkonverti l-istess cens temporanju li kien skada f'cens perpetwu;

7. U Billi għalhekk jirrizulta li Michael Camilleri ilu fil-pussess tar-razzett, il-mandragg u l-art ma genbha minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

8. U Billi minkejja li gie interpellat mill-istess fond Michael Camilleri irrifjuta li jaghmel dan minghajr ebda raguni valida;

9. U Billi ma sa fejn jafu r-rikorrenti l-intimat Michael Camilleri ma għandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba odjerna;

10. U Billi l-kawza odjerna qed issir bla pregudizzju ghal talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' kumpens li talvolta jista' jkun dovut mill-intimati jew min minnhom ghal pussess tal-fond bla titolu.
Ghaldhekk ir-rikorrentu, prevvja kull dikjarazzjoni opportuna, talbu lil din il-qorti:

1. Tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skont il-procedura preskritta fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;
2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jizgumbraw minn kull ambjent tar-razzett numru 36, Triq Wardija, Qala, Għawdex u tal-mandra u raba' ma genb dan ir-razzett;
Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-intimati.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tallum.

Rat li fis-seduta tallum deher il-konvenut mhux assistit.

Hadet konjizzjoni wkoll tan-nota ta' l-istess konvenut prezentata fil-31 ta' Mejju 2013 minn fejn jirrizulta ghaliex skont huwa kellu difiza valida x'iressaq.

Rat li fis-seduta tallum il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut sabiex iressaq eccezzjonijiet tieghu stante li *prima facie* ma ppruvax li ghandu eccezzjonijiet validi x'jaghti skont il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Illi mill-istess atti rrizulta dak kollu li gie premess mir-rikorrenti fir-rikors guramentat cioe' li l-atturi huma s-sidien tal-immobbli oggett tal-kawza u li l-art li fuqha jinsab il-fond kienet inghatat b'enfitewsi temporanja ghall-perjodu ta' 99 sena lil Salvu Camilleri b'att tan-Nutar Dr Carlo Micallef Pecora tat-3 ta' Lulju 1899. Kwindi l-enfitewsi temporanja ghalqet f'Lulju 1998. Infatti jirrizulta li l-atturi

akkwistaw id-dirett dominju tat-territorju li kien inghata b'enfitewsi bl-att tat-3 ta' Lulju 1899 b'kuntratt tas-17 ta' Lulju 1996.

Illi kif jirrizulta mis-sentenza ezebita fl-ismijiet **'Michael Camilleri vs John Grima et'[1],** liema sentenza illum ghaddiet in gudikat, il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut biex ic-cens temporanju jigi kkonvertit f'cens perpetwu.

Illi ma ngabet l-ebda prova fl-udjenza tallum fuq bazi *prima facie* li l-konvenut jista' jkun li qieghed jokkupa l-fond *de quo* b'titolu validu fil-ligi kif issottometta fin-nota tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk:

1. Tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skont il-procedura preskritta fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;
2. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' hamsin (50) jum millum jizgumbra minn kull ambjent tar-razzett numru 36, Triq Wardija, Qala, Għawdex u tal-mandra u raba' ma genb dan ir-razzett;

Bl-ispejjez a karigu ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] Cit Nru: 112/2000AE deciza fl-4 ta' Marzu 2013